MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Numru. 451/2010

Il-Pulizija
(Sp Geoffrey Azzopardi)
vs
Lolonyo Koffi Gbama, iben Koffi Gbama, imwieled it-Togo fid-9 ta’ Awwissu, 1969, Numru tal-Pulizija 08V-009

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kkontra l-imputat –
1. talli fix-xhur ta’ qabel is-6 ta’ Mejju, 2010 f’Malta mbarka mingħajr ma kellu passport u mingħajr ma ta lill-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-oħra kif l-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni seta’ dehrlu xieraq li jeħtieġ;
2. talli fl-istess żminijiet u ċirkostanżi sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu f’dokument maħsub għal xi awtorita’ pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz;

3. talli fl-istess żminijiet u ċirkostanżi dwar xi informazzjoni li għandha tiġi mogħtija skont jew għal finijiet tal-Kapitolu 217 tal-Liġijjieet ta' Malta ta jew ġiegħel li jingħata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Mejju, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avuka ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 32(1)(ċ) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 28 tal-Kapitolu 417 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------